MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Numru. 202/2003

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
GIULIO ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Giulio Zammit, ta' 23 sena, imwieled Attard nhar it-18 ta' Lulju 1979, bin Alfred u Carmen nee' Falzon, u residenti Rose, number 13, Triq ir-Rummien, San Gwann, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 358179(M), u akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur lejn San Giljan u diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' apparat u accessorji tal-muzika ('car hi-fi equipment'), ghad-dannu ta'persuni mhux maghrufa, liema valur mhux maghruf izda jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikli 261, 263A, 267, 270, 271G, 279A, 280, 281 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli matul l-istess xhur u postijiet gewwa l-Gzejjer ta’ Malta, ikkommetta hsara volontarja fuq diversi vetturi ghad-dannu ta’ Massimiliano Bon Vessuto, u sidien ohra fuq vetturi mhux maghrufa, u dan ai termini tal-Artiklu 325(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli f’dawn l-ahhar xhur u f’postijiet fil-Gzejjer ta’ Malta, zamm, ircieva u ghamel uzu minn oggetti illi gew akkwistati minn reati ta’ serq, u dan ai terminu tal-Artiklu 334(a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli waqt li kien diga’ kkundannat fuq reati ta’ serq u ricettazzjoni nhar is-7 ta’ Jannar 1997, quddiem il-Qorti govannili, liema sentenza saret definittiva u nstabu ghandu oggetti li mhumiex tal-kundizzjoni tieghu, minghajr spjegazzjoni xierqa tal-akkwist ta’ dawn l-oggetti, u dan ai termini tal-Artiklu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli bejn il-lejl tat-22 u t-23 ta’ Novembru 2002, b’diversi atti maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, gewwa Triq Walter Ganado, Pembroke, San Giljan, attenta li jisraq u li jaghmel hsara fuq diversi vetturi, liema vetturi u propjetarji taghhom mhux maghrufa, liema reat ma sehhx minhabba xi haga ndipendenti u accidentali mill-volonta’ tieghu, liema attentat huwa approvat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artiklu 41A, 261, 263(a), 267, 270, 271G, 325A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli f’dawn l-ahhar xhur u f’postijiet gewwa l-Gzejjer ta’ Malta, kellu fil-pussess tieghu u garr diversi strumenti li jaqtghu u bil-ponta, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan ai termini tal-Artiklu 13(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli f’dawn l-ahhar xhur u postijiet diversi gewwa l-Gzejjer ta’ Malta, kien fil-pussess ta’ ‘air gun’ minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan ai termini tal-Artiklu 3(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fil-pussess tieghu, taht l-istess cirkostanzi, zamm u garr ‘toy lighter’, forma ta’ pistola tan-nar, u dan ai termini tal-Artikli 22(a) u 3(1)(a) u 26(b) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 3) u tal-imputat (a fol 10) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-31 ta’ Jannar 2006.

Ikkunsidrat:-

L-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Mario Tonna, a fol 11 et seq, xehed illi fit-23 ta’ Novembru 2002, ghal habta tat-tlieta u nofs ta’ filghodu, kien gie rrapurtat minn certu Massimiliano Bon Vessuto, residenti Pembroke, illi xi zaghzagh kienu qeghdin jippruvaw jisgassaw il-vettura tieghu li kienet ipparkjata faccata tar-residenza tieghu. Bon Vessuto qal lill-Pulizija illi ra dan waqt li kien qieghed fil-gallarija tal-‘flat’ tieghu, ra lil tlett zaghzagh jieqfu b’karozza tal-marka Ugo bajda, bin-numru tar-registazzjoni CAT165. Bon Vessuto nforma lill-Pulizija illi dawn iz-zaghzagh kienu hargu mill-vettura u bdew iduru mal-karozzi illi kien hemm ipparkjati. Bon Vessuto ghalhekk xehed illi huwa nizel fit-triq, u ra lil dawn it-tlett zaghzagh jippruvaw jifthu u jbabsu diversi vetturi, u ghaldaqstant, beda jghajjat sabiex jipprova jzommhom. Dawn telqu jigru fid-direzzjoni opposta tieghu, u ghaldaqstant, Bon Vessuto ddecieda illi jtaqqab iz-zewg ‘tyres’ tal-vettura Ugo sabiex iz-zaghzagh ma jkunux jistghu jaharbu minn fuq il-post, izda sakemm huwa telaq biex icempel lill-Pulizija u jaghmel ir-rapport tieghu, it-tlett zaghzagh xorta dahlu fil-karozza bit-‘tyres’ imnizzlin u saqu.

Mill-verifiki tal-Pulizija, instab illi din il-Ugo tghajjat lil certu Alfred Zammit, residenti Number 6, Triq ir-Rummien, San Gwann. Il-Pulizija kienet damet xi ftit biex issib din ir-residenza ghaliex nel frattemp, kienu tbiddlu n-numri tat-toroq u ftit wara l-Pulizija rnexxielhom isibu lill-vettura suspettata. Il-Pulizija sabu illi kienet tghajjat lil Giulio Zammit, u saret tfittxija fil-vettura fejn instab fil-'luggage boot' zewg 'tyres' imtaqqbin. L-imputat gie mitkellem mill-Pulizija **'fl-istqarrija ma cahadx li kien f'dawk l-akwati, ma cahadx li kien wahdu pero' baqa' jghid li ma riedx jizvela l-ismijiet tal-kumpanija li kellu mieghu.'**

Illi ghaldaqstant, saret tfittxija fir-residenza tal-imputat, u minn hemmhekk gew elevati diversi 'stereos', 'amplifiers', 'equalisers' u strumenti li jaqtghu u bil-ponta, fosthom 'air gun' u 'toy pistol'. L-imputat cahad illi dawn l-oggetti kienu gejjin minn serq, pero' ma setax jaghti spjegazzjoni ta' kif kienu gew dawn l-oggetti fil-pussess tieghu, hlief li qal li dawn kienu mwahhlin fuq vetturi illi kellu qabel (ara fol 14).

Mistoqsi fuq it-'tyres' imqattghin, l-imputat xehed illi kien ra ragel iqattghalu t-'tyres', kien qabad u rikeb fil-karozza ma' shabu u saq fuq it-'tyres' imnizzlin sakemm mar id-dar, fejn imbaghad biddilhom u tefaghhom fil-'luggage boot'.

Bon Vessuto xehed illi huwa kien beda joqghod ghassa fil-gallarija wara illi l-vettura tieghu Fiat Punto CACA178 kienet garrbet hsara wara li xi hadd ipprova jisraq minnha. Christine Bon Vessuto, il-mara ta' Massimiliano, giet ukoll mitkellma mill-Pulizija u kkorraborat il-verzjoni.

L-istqarrija tal-imputat giet esebita u mmarkata bhala dokument MT. L-ircevuta tal-vettura CAT165 giet esebita u mmarkata bhala l-esebit MT1 u l-hamsa u ghoxrin (25) 'item' ta' 'hi-fi equipment' gew esebiti u mmarkati bhala esebiti MT2.

PS Arthur Debattista esebixxa erbghin (40) ritratt immarkati bhala MTX1-40 tal-oggetti illi gew elevati. L-okkorrenza giet esebita u mmarkata bhala dokument MT4.

In kontro ezami, l-Ispettur Tonna xehed illi kien hemm xi diffikulta' dwar it-tfittxija illi kellha ssir fir-residenza tal-imputat, stante illi omm l-imputat kienet talbet ghal 'search warrant', u li minkejja l-Ispettur Tonna spjegalha l-pozizzjoni, din xorta wahda nsistiet fuq il-'warrant' u filfatt din il-'warrant' inkiseb u tkompliet it-tfittxija. L-Ispettur Tonna kkonferma wkoll illi l-vettura in kwistjoni giet ritornata lil missier l-imputat ghax ma kinitx propjeta' tal-imputat.

A fol 31, Dr Loui Bianchi kkonferma illi l-vettura CAC178 Fiat Punto, tghajjat lil Christine Bon Vessuto. Li fl-10 ta' Novembru kien sar rapport fuq dannu lill-bieba ta' din il-vettura f'attentat ta' serq. It-tiwsija kienet tammonta ghal mija u sittax-il Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm116.43) u kien hemm 'excess' ta' mitt Lira Maltin (Lm100) li thallsu minn Bon Vessuto (ara xhieda a fol 31-38).

Massimiliano Bon Vessuto, a fol 39 et seq, xehed illi huwa kien ghamel zewg rapporti lill-Pulizija **l-ewwel wiehed f'Novembru fejn kien ra lil xi zaghzagh jifthu l-vettura tieghu**, u ghaldaqstant kien ghamel rapport lill-Pulizija. Kien ra illi tlett zaghzagh, u mbaghad **sussegwentement, wara ftit zmien kienu regghu rritornaw dawn iz-zaghzagh u bdew jifthu l-karozzi. Ghaldaqstant, huwa ghamel it-tieni rapport lill-Pulizija ta' San Giljan**. Bon Vessuto kkonferma illi l-vettura illi wzaw iz-zaghzagh kienet Ugo bajda, u fit-tieni darba illi kienu gew, huwa kien faqa' zewg 'tyres' ta' din il-Ugo biex jipprova jfixkel lil dawn iz-zaghzagh milli jkomplu jwettqu dawn is-serqiet. Ikkonferma wkoll illi l-mara tieghu kienet rathom l-ewwel u kienet avvertiet lilu. Massimiliano Bon Vessuto xehed illi dawn it-tlett zaghzagh kienu lebsin ilbies 'casual', 'jeans' u 't-shirt' u '**cappellini'**. Bon Vessuto gharaf lill-imputat bhala wiehed minn dawn it-tlieta.

Christine Bon Vessuto, a fol 43, xehdet illi dakinhar tal-incident fit-23 ta' Novembru kienet waslet lil ohtha d-dar B'Kara, u meta giet lura, rat lit-tlett guvintur iharsu fil-vetturi, u giha suspett stante li xi gimgha qabel, ir-ragel

taghha kien ra tlett guvintur li kienu serquhom mill-karozza taghhom li kienet quddiem il-bieb. Ftit wara, rat vettura Ugo, u hargu l-istess tlett guvintur minnha. Dawn marru wara zewg vetturi u bdew jippruvaw jaqilghu bieba minn karozza wahda. Hija bdiet tghajjat u dawn telqu jigru. Nizel ir-ragel taghha li kien qieghed fil-gallarija u gera warajhom. Christine Bon Vessuto xehdet illi ftit wara rega' rritorna r-ragel taghha lura, qal illi ma lahaqhomx, hadu n-numru tal-vettura Ugo, u Massimiliano mar jaghmel rapport l-ghassa.

Christine Bon Vessuto sadanittant qaghdet fil-gallarija tistenna. Stqarret illi kien irritorna wiehed minnhom, tela' fil-karozza u telaq jigri. **Christine Bon Vessuto gharfet lill-imputat ghaliex dan kien joqghod kantuniera ma' fejn kienet toqghod il-mama' taghha**.

PS 621 Pierre Calleja, a fol 49 et seq, xehed illi huwa kien esegwixxa tfittxija fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAT165 tal-marka Ugo li kienet ipparkjata fi Triq ir-Rummien, u dan fit-23 ta' Novembru 2003. Ikkonferma illi din il-karozza kellha zewg 'tyres' li kienu 'spare wheel', giet esegwita tfittxija fuq din il-vettura, u fil-'luggage boot' kien hemm zewg 'tyres' bil-hsara.

PC 1244 u PC 628 li kienu ma' PS 621 ghamlu tfittxija fil-kamra tal-imputat, fejn instabu diversi 'stereos' ta' karozzi, stalletti u hafna affarijiet ohra li gew imnizzla l-ghassa ta' San Giljan. L-imputat dejjem cahad li seraq lil xi vetturi.

PC 1244 Nicholai Sant ikkonferma x-xhieda ta' PS 621 Pierre Calleja u xehed illi omm l-imputat insistiet fuq 'warrant' u filfatt din saret. Mit-tfittxija gew misjuba hafna 'stereos' illi ghalihom l-imputat ma kellux ricevuta. Ikkonferma li l-affarijiet elevati mill-kamra tal-imputat kienu dawk li jidhru f'dokument MT2 a fol 25 tal-process.

PC 628 Walter Seargent, a fol 56, ikkonferma x-xhieda ta' PS 621 Calleja u PC 1244 Sant, u kkonferma illi elevaw hafna accessorji ta' vetturi u 'radios'. Gew misjuba wkoll u elevati diversi stalletti kbar, pistola tal-arja u dwal ipetptu li jkun hemm soltu mar-'road works'. Dawn instabu fil-kamra

tas-sodda tal-imputat. PC 628 Seargent xehed illi kif wasal l-imputat id-dar, **'l-ewwel kelma li qalilna kien jien irrid infittex min qattaghli t-tyres dan il-lejl.' (**ara fol 57).

PS 504 Silvio Ellul, a fol 58, ikkonferma l-prezenza tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija tal-imputat Giulio Zammit, ikkonferma li nghata l-'caution' u kkonferma l-firem tal-Ispettur Tonna u tieghu nnifsu.

L-imputat Zammit xehed illi huwa ilu mpjegat ma' Godwin's Garage xi erba' snin. Xehed illi dakinhar tal-incident huwa kien niezel Paceville u kif mar biex jirritorna d-dar, induna illi kellu 'puncture', nizel, u filfatt sab zewg 'punctures'. Nizel, biddel wiehed u saq. L-imputat xehed illi sussegwentement gew il-Pulizija minghajr 'warrant' u qalulu illi kien hemm tlett persuni illi kienu ghamlu hsara fuq xi vetturi. L-imputat innega illi hu kien ghamel xi hsara u xehed illi kien irrabjat f'din il-kawza ghaliex kien hu li garrab il-hsara b'zewg 'punctures', u li minn ghamilhom mar jiftahar l-ghassa tal-Pulizija illi wettaq dan il-hsara, **'u ma wehel xejn u la deher hawn.**'(ara fol 73). Dan il-persuna kienet Bon Vessuto.

L-imputat xehed illi omm u missier il-mara ta' Bon Vessuto joqoghdu hdejhom, **'jigifieri jien mhux se naghmel hsara fuq bniedem nafu.'** L-imputat baqa' jishaq illi huwa tela' wahdu u qal illi Ugo bajda kellu u mhux 'beige' kif xehdet Christine Bon Vessuto, u kkonferma illi t-'tyre' kien biddlu hdejn Henry JB's u li kien halla l-vettura pparkjata naqra 'l fuq minn dan il-post faccata tal-ITS Pembroke. L-imputat xehed illi huwa ma sema' lil hadd jghajjat u semplicement, biddel il-'punctures' u telaq (ara fol 75). L-imputat jghid:

**'imbaghad hadu hafna affarijiet tieghi personali u hadu xi 'radios', xi 'stereos' illi huma tieghi, fettxu l-Pulizija u ma sabu xejn fuqi jigifieri mhumiex misruqin, huma affarijiet tieghi, kelli kollezzjoni ta' skieken haduhomli. Xtrajthom mill-Army Surplus Malta jigifieri.'**

L-imputat xehed ill huwa ma kellux x’jaqsam mas-serq (ara fol 75). L-imputat stqarr illi kieku kien jaf fejn kienu dawn iz-zewg persuni l-ohra, ikaxkarhom il-Qorti ghaliex hu ma kellu x’jaqsam xejn u **‘wehilt kollox jiena ma kelli nahti xejn’**. L-imputat ikkonferma l-istqarrija tieghu wara li din inqratlu (ara xhieda a fol 78). L-imputat xehed illi fejn qal illi **‘ma nistax inwiegeb ghal din id-domanda’** huwa ried ifiehem illi kien qed jaghzel illi ma jwegibx. L-imputat xehed illi huwa kien sahansitra talab lill-Pulizija biex jehdulu l-‘fingerprints’ sabiex ikunu jistghu jikkomparawhom ma’ dawk li gew elevati, izda dawn ma haduhomx (ara xhieda a fol 78).

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti rat u ezaminat bir-reqqa s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u t-trattazzjoni tad-Difiza.

L-ewwel akkuza li biha jinsab mixli Giulio Zammit huwa ta’ serq aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa; ta’ diversi apparat u accessorji tal-muzika (‘hi-fi equipment) ghad-dannu ta’ persuni mhux maghrufa, b’valur mhux maghruf, izda li jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100).

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, huwa veru illi fil-kamra tal-imputat, instabu ghadd konsiderevoli ta’ ‘hi-fi equipment’, kif jidher mir-ritratti MCX24-27 u MCX29-39. Dawn huma elenkati kollha dettaljatament fuq ir-ricevuta MT2 li tinstab a fol 25 u 26 tal-process. Madankollu, il-Prosekuzzjoni **naqset li tipprova illi dawn il-‘hi-fi equipment’ filfatt kienu emanenti mis-serq, recenti jew antik**. Mankanti din il-prova vitali da parti tal-Prosekuzzjoni, il-Prosekuzzjoni **ma tista’ bl-ebda mod isserrah fuq it-tejorija ta’ ‘recent possession’, u bl-istess manjiera ma tistax isserrah fuq il-fatt illi l-imputat ma tax spjegazzjoni xierqa ghalihom, jew wahda sodisfacjenti ghall-Prosekuzzjoni.**

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti ma tista’ ssib ebda htija fl-imputat fl-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Bl-istess manjiera, din il-Qorti ma tista' ssib htija anqas fit-tielet akkuza illi jirrigwardja ricettazzjoni tal-istess oggetti mahsuba fl-ewwel akkuza, **ghaliex tonqos il-prova kardinali illi l-oggetti msemmija f'dokument M2 filfatt kienu oggetti misruqa jew emanenti mis-serq.**

Din il-Qorti sejra biex tikkunsidra t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat. Din tirrigwardja akkuza ta' hsara volontarja *'fuq diversi vetturi, ghad-dannu ta' Massimiliano Bon Vessuto u sidien ohra.'* il-Qorti sejra biex tikkunsidra l-ewwel parti ta' din l-akkuza, cioe' dwar il-hsara volontarja fuq il-vettura ta' Massimiliano Bon Vessuto. Ix-xhieda ta' Bon Vessuto, tinstab indikata iktar 'l fuq, izda din il-Qorti ma tistax ma taccennax b'mod partikolari **ghal l-okkorrenza dokument MT3 u l-okkorrenza dokument MT4 li jinstabu a fol 27 u 29 rispettivament ta' dan il-process**. Fl-okkorrenza dokument MT3 a fol 27, jirrizulta illi l-kwerelant Bon Vessuto kien ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija fil-11 ta' Novembru 2002, ghaliex il-gurnata ta' qabel persuni mhux maghrufa kienu ghamlu hsara fil-bieba ta' quddiem tal-lemin tal-karozza tieghu li kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tieghu. Hawnhekk l-okkorrenza tkompli kif ser jinghad:

***'Complainant suspects in no one. The report was made for insurance purposes and investigations carried out by the Police proved negative'. (ara fol 28).***

Illi ghaldaqstant, ghar-rigward tal-hsara volontarja li ssubixxa l-kwerelant Massimiliano Bon Vessuto, fl-10 ta' Novembru 2002, dan kif stqarr fl-okkorrenza ma ra lil hadd jesegwixxi din il-hsara, kuntrarjament ghal dak li prova jghid quddiem din il-Qorti fit-testimonianza tieghu.

Ghar-rigward tal-okkorrenza MT4, f'din l-okkorrenza a fol 30, Bon Vessuto jghid li huwa ra tlett zaghzagh **'forcing open two vehicles which were parked in the same street'**. Ghar-rigward tal-hsarat li setghu ssubixxu dawn iz-zewg vetturi, il-Prosekuzzjoni **naqset li tesebixxi ritratti ta' dawn il-hsarat**, stima ta' dawn il-hsarat sabiex almenu din il-Qorti tkun f'pozizzjoni illi tevalwa xi kwantum ta' hsara. Il-Prosekuzzjoni naqset ukoll li ssib il-propjetarji

ta' dawn il-vetturi, u ghaldaqstant, f'mankanza totali ta' dawn il-provi, il-Qorti lanqas ma tista' ssib htija fit-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Il-Qorti sejra biex tezamina r-raba' akkuza migjuba kontra l-imputat, u cioe' dik mahsuba taht l-Artiklu 287 tal-Kap 9 illi jipprovdi:

*'Whosoever***, having been convicted in Malta for theft, or for receiving stolen articles***, is found to have in his possession fruits, plants, or other field or garden produce, or money or other articles, not in keeping with his condition, the lawful possession of which he does not satisfactorily account for, or is found to have in his possession any adapted or counterfeit keys, or any implement capable of opening or forcing open any lock, or to have in his possession any impression of locks, the actual lawful destination for which he does not satisfactorily account for, shall on conviction be liable to imprisonment for a term not exceeding three months.'*

Illi minn ezami anke liet ta' dan l-Artiklu, huwa evidenti li sabiex jissussisti dan ir-reat, **irid ikun hemm il-prova kardinali ta' sentenza mghoddija fil-konfront tal-imputat fuq serq jew ricettazzjoni**. Din il-prova kardinali, **f'dan il-kaz, hija kompletament mankanti**, u ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat fuq din l-akkuza.

Il-Qorti ser titratta l-hames akkuza fi stadju ulterjuri.

Ghar-rigward tas-sitt akkuza, l-imputat jinstab akkuzat taht l-Artiklu 13(1) tal-Arms Ordinance, Kapitlu 66 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan **jippresupponi pussess ta' arma**, mhux semplicement armi mqeghda jew mizmuma f'dar, **izda l-garr ta' arma fuq il-persuna tal-akkuzat**. Illi l-uniku skieken li nstabu, kienu dawk fil-kamra tal-imputat fejn dan jidher illi kellu kollezzjoni taghhom, u l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda xrara ta' evidenza li b'xi mod turi li l-imputat kellu fuq il-persuna tieghu xi sikkina minn dawk esebiti.

Illi ghaldaqstant, certament ma tissustix din l-akkuza.

Illi ghar-rigward tat-tmien akkuza, din ukoll ma tregix, stante illi l-uniku akkuza li tkopri ‘toy arms’, tista’ tinhareg biss kontra min **qieghed jipprova jbieghhom**, u dan a tenur tal-Artiklu 22A(1). Illi l-di piu’, l-Artiklu 26 huwa ntiz ghal persuna li *‘at the time of being arrested for the commission of any crime’* kellu fuq il-persuna tieghu xi arma jew xi imitazzjoni ta’ xi arma.

Illi anke f’dan ir-rigward, siccome ebda arma ma nstabet fuq il-persuna tal-imputat meta gie arrestat, izda kollezzjoni ta’ skieken instabu biss waqt it-tfittxija illi esegwew **fid-dar tal-imputat**, din l-akkuza wkoll ma tistax tissusisti.

Illi l-Qorti sejra biex tezamina l-hames akkuza, u hi tal-fehma illi mill-provi ta’ Bon Vessuto u martu, huwa evidentissimu illi l-imputat, flimkien ma’ ohrajn, wettqu attentat ta’ serq fuq zewg vetturi ta’ persuni mhux maghrufa, fit-22 u t-23 ta’ Settembru 2002, fi Triq Walter Ganado, Pembroke, San Giljan. Ghar-rigward ta’ dan l-attentat, hemm provi zgjaccanti mhux biss ghaliex l-imputat intgharaf bla ebda tlaqliq mill-koppja Bon Vessuto, izda wkoll peress illi l-istess Bon Vessuto kien carrat zewg ‘tyres’ tal-vettura Ugo bajda illi minn fiha kienu hargu l-imputat u zewg persuni ohra li kienu qed iwettqu dan l-attentat, u peress illi dawn iz-zewg ‘tyres’ imcarrta in effett gew misjuba mill-Pulizija fil-‘luggage boot’ tal-vettura li kien qed juza’ l-istess imputat.

Illi fl-istess manjiera, il-provi tal-Prosekuzzjoni dwar l-‘air gun’ esebit in atti, u li gie misjub fil-pussess tal-imputat, ma jidhirx illi kien kopert b’licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u ghaldaqstant, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-hames u s-seba’ akkuza, issibu mhux hatja tal-akkuzi l-ohra migjuba kontrih u tilliberah minnhom, u wara li rat l-Artikli 41(a), 261, 263(a), 267, 270, 271(g), 325(a), 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artiklu 3(1) tal-Kap 66, tikkundannah ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin. In oltre, din il-Qorti tqieghed lill-imputat taht ‘supervision suspended order’, taht is-sorveljanza tad-

Direttur tal-Probation Services, jew ‘probation officer’ iehor minnu nominat, u dan ghal perjodu ta’ tlett snin. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz, il-fatt illi l-imputat ghadu ta’ eta’ giovannili, u in vista tal-fedina penali tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------